

Brussell, 6 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12037/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0273(NLE)

JAI 1119
VISA 135
MIGR 243
COEST 626

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 661 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar is-sospensjoni totali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn Il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Federazzjoni Russa

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 661 final.

Mehmuż: COM(2022) 661 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.9.2022
COM(2022) 661 final

2022/0273 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar is-sospensjoni totali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn Il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Federazzjoni Russa

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Ftehim bejn Il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Federazzjoni Russa (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2007¹. L-għan tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża huwa dak li jiffaċilita, fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-ħruġ ta' viżi għal żjara intiża ta' mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Federazzjoni Russa. L-Unjoni Ewropea kkonkludiet ftehimiet ta' faċilitazzjoni tal-viża biss ma' għadd magħżul u limitat ta' pajjiżi terzi. Ftehimiet bħal dawn għandhom ikunu prova ta' sħubija reċiproka bejn l-UE u l-pajjiż partikolari u huma bbażati fuq ir-rispett reċiproku tal-valuri komuni.

Fl-2011, tnedew negozjati dwar revizzjoni tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża sabiex jitqiesu l-bidliet fil-qafas legali tal-UE u l-esperjenza miksuba permezz tal-implimentazzjoni tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża. B'mod parallel, inbeda djalogu dwar "Passi komuni lejn il-liberalizzazzjoni tal-viża". Iż-żewġ eżerċizzji ġew iffriżati bħala konsegwenza tal-annessjoni illegali mir-Russja tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u tal-belt ta' Sevastopol fl-2014².

B'reazzjoni għal dik l-annessjoni illegali fl-2014 u l-azzjonijiet destabilizzanti kontinwi fl-Ukrajna tal-Lvant, l-Unjoni Ewropea introduċiet (i) sanzjonijiet ekonomiċi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, marbuta mal-implimentazzjoni mhux kompluta tal-ftehimiet ta' Minsk; (ii) sanzjonijiet fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna; (iii) sanzjonijiet b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u tal-belt ta' Sevastopol mill-Federazzjoni Russa.

Id-deċiżjoni tal-Federazzjoni Russa li tirrikonoxxi ż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u ta' Luhansk bħala entitajiet indipendenti, u d-deċiżjoni sussegwenti li jintbagħtu truppi Russi fl-Ukrajna f'aggressjoni militari mhux ġustifikata u mhux provokata kontra l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tagħha, huma ksur serju tad-dritt internazzjonali u tal-ftehimiet internazzjonali, inklużi l-Karta tan-NU, l-Att Finali ta' Helsinki, il-Karta ta' Pariġi u l-Memorandum ta' Budapest.

Bħala firmatarja tal-ftehimiet ta' Minsk, ir-Russja għandha responsabbiltà ċara u diretta li taħdem biex tinstab soluzzjoni paċifika. Bid-deċiżjoni li r-reġjuni mhux ikkontrollati mill-gvern fl-Ukrajna tal-Lvant jiġu rikonoxxuti bħala entitajiet indipendenti, ir-Russja kisret b'mod ċar il-ftehimiet ta' Minsk, li jistipulaw ir-ritorn sħiħ ta' dawn iż-żoni għall-kontroll tal-gvern Ukren.

Fit-23 ta' Frar 2022, l-UE qablet unanimament dwar l-ewwel pakkett ta' sanzjonijiet, li kkawża kost addizzjonali fuq ir-Russja b'reazzjoni għall-azzjonijiet tagħha. Dawn kienu

¹ Il-Ftehim bejn Il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Federazzjoni Russa (ĠU L 129, 17.5.2007).

² Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ukrajna, il-laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin, Brussell, it-3 ta' Marzu 2014.

jinkludu sanzjonijiet individwali, restrizzjonijiet finanzjarji, u restrizzjonijiet fuq ir-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-UE u ż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk.

Fl-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna u flimkien mas-sħab internazzjonali esprima s-solidarjetà sħiħa tal-Unjoni mal-Ukrajna u l-poplu tagħha. Permezz tal-aggressjoni militari illegali tagħha, ir-Russja minn dak iż-żmien kompliet tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali, billi twettaq atroċitajiet lejn il-popolazzjoni Ukrena u ddgħajjed is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew talab li r-Russja twaqqaf immedjatement l-azzjonijiet militari tagħha, tirtira mingħajr kundizzjonijiet il-forzi u t-tagħmir militari kollha mit-territorju kollu tal-Ukrajna u tirrispetta bis-sħiħ l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha.³

Wara dan, l-Unjoni rrispondiet b'aktar pakketti ta' sanzjonijiet inkluż l-iffriżar tal-assi u l-projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar għal individwi. L-Unjoni adottat ukoll miżuri restrittivi li jikkonċernaw is-setturi finanzjarji, tal-enerġija, tat-trasport u tat-teknoloġija. Hija ħadet ukoll miżuri addizzjonali, b'mod partikolari billi ssospendiet parzjalment l-applikazzjoni tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża⁴. Din il-miżura ssospendiet il-faċilitazzjonijiet relatati mal-evidenza dokumentarja, it-tariffa tal-viża, il-ħruġ ta' viżi għal dħul multiplu u t-tul tal-proċeduri għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viża. Din kienet immirata lejn detenturi Russi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali tal-gvern, nies tan-negozju u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tan-negozju.

Mill-bidu tal-aggressjoni fuq skala kbira Russa kontra l-Ukrajna, is-sitwazzjoni marret għall-aġar b'mod sinifikanti b'konsegwenzi umanitarji traġiċi għall-popolazzjoni u l-infrastruttura ċivili u r-Russja kompliet tespandi l-okkupazzjoni sħiħa jew parzjali tagħha fir-reġjuni tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Ukrajna. Miljuni ta' Ukreni ġew imġiegħla jaħarbu, kollha mill-fruntieri tal-art, peress li r-rotot tal-ajru mhumiex disponibbli. Bħala konsegwenza diretta tal-invażjoni fuq skala kbira, l-għadd ta' qsim tal-fruntiera tal-Ukrajna lejn il-pajjiżi ġirien qed jikber kontinwament. Fit-23 ta' Awwissu, dan qabeż il-11-il miljun skont id-*data* tal-UNHCR, li minnhom id-dħul fl-UE kien ta' 10 miljun.

Fl-31 ta' Awwissu, fil-laqgħa Informali tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin, l-Istati Membri qiesu li kien meħtieġ li jissospendu kompletament il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża, bil-ħsieb li jitnaqqas b'mod sinifikanti l-għadd ta' viżi ġodda li għandhom jinħarġu liċ-ċittadini Russi mill-Istati Membri tal-UE u li jiġi evitat il-visa shopping potenzjali minn ċittadini Russi.

L-UE ma tistax tikkunsidra lir-Russja, li qed twettaq gwerra ta' aggressjoni bħal din, bħala kontroparti għall-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża sakemm hija tibqa' twettaq politika barranija distruttiva u aggressjoni militari lejn pajjiż kandidat tal-UE, u turi nuqqas sħiħ ta' rispett għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli.

2. MIŻURI PROPOSTI

L-aggressjoni militari kontra pajjiż li jmiss mal-Unjoni Ewropea tiġġustifika miżuri biex jiġu protetti l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha.

³ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, l-24 ta' Frar 2022.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/333.

Il-Federazzjoni Russa mhux biss ipperikolat ir-relazzjonijiet mal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iżda kisret ukoll il-ftehimiet ta' Minsk billi mminat l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, bi ksur tal-obbligi internazzjonali tagħha.

Barra minn hekk, il-Federazzjoni Russa qed issegwi politika proattiva li timponi l-użu tal-passaporti internazzjonali tagħha miċ-ċittadini Ukreni tar-reġjuni Ukreni okkupati mill-militar Russu, bi ksur tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

Skont l-Artikolu 15(5) tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża, kull Parti tista' tissospendi l-Ftehim parzjalment jew bis-sħiħ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew protezzjoni tas-saħħa pubblika. Dawn il-kriterji kollha ġew ipperikolati bl-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. In-nuqqas ta' osservanza flagranti tar-Russja tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli huwa riskju kbir għall-ordni pubbliku. Hemm ukoll riskji speċifiċi bħaċ-ċirkolazzjoni ta' abitanti ta' żoni okkupati tal-Ukrajna, li huma qrib ir-reġim Russu u li jista' jinħarġilhom passaport internazzjonali tal-Federazzjoni Russa. Din l-aggressjoni militari tinfed l-iżvilupp tal-kriminalità organizzata u ċ-ċirkolazzjoni tal-armi illegali, u b'hekk thedded l-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni u s-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri. Ir-riskji akbar marbuta mal-użu tal-impjant nukleari Zaporizhzhia bħala faċilità militari mill-Federazzjoni Russa joħolqu theddida kbira għall-ħajja tal-bniedem.

B'mod aktar ġenerali, id-deċiżjoni li tiġi invaża l-Ukrajna u li tkompli tiġi segwita l-aggressjoni militari hija inkompatibbli ma' relazzjoni ta' fiduċja bejn l-UE u l-Federazzjoni Russa. Il-ftehimiet għall-faċilitazzjoni tal-viża ġew konklużi biss ma' għadd magħżul u limitat ta' pajjiżi terzi u jirriżultaw minn sħubija reċiproka bejn l-UE u l-pajjiż partikolari. Jenħtieġ li pajjiż li jkun għaddej minn gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata ma jibqax eliġibbli biex igawdi minn faċilitazzjonijiet tal-viża. Għalhekk huwa ġġustifikat li l-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża jiġi sospiż kompletament fir-rigward taċ-ċittadini kollha tal-Federazzjoni Russa.

Is-sospensjoni se taffettwa wkoll kategoriji ta' vjaġġaturi bħal ġurnalisti, tfal tal-iskola, studenti u riċerkaturi li mhux se jibqgħu jgawdu minn faċilitazzjonijiet skont il-Ftehim dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viża sospiż. Minħabba l-importanza ta' dawn il-kategoriji ta' vjaġġaturi għall-UE u tal-kuntatti kontinwi bejn il-persuni, din il-kwistjoni se tiġi indirizzata fil-linji gwida li ġejjin li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ġenerali tal-viża mar-Russja.

Ladarba d-Deċiżjoni tal-Kunsill tidħol fis-seħħ, ir-regoli previsti mill-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża se jiġu sospiżi. Konsegwentement, minflok se japplikaw ir-regoli ġenerali tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

3. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika sostantiva hija l-Artikolu 77(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Barra minn hekk, l-Artikolu 15(5) tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża jistipula li *“kull Parti tista' tissospendi dan il-Ftehim parzjalment jew bis-sħiħ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali u protezzjoni tas-saħħa pubblika. Id-deċiżjoni dwar is-sospensjoni għandha tkun notifikata lill-Parti l-oħra mhux aktar tard minn 48 siegħa qabel id-dħul tiegħu fis-seħħ. Il-Parti li tkun issospendiet l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim*

għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra immedjatament ladarba r-raġunijiet għas-sospensjoni ma jkunux japplikaw aktar.”

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija proporzjonata mal-ħtieġa li tiġi salvagwardjata s-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri u li jkun hemm reazzjoni għall-aggressjoni militari Russa mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna. Minħabba li s-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Ukrajna marret għall-aġġar minħabba azzjonijiet militari mill-Federazzjoni Russa u r-riskji akbar li dawn l-azzjonijiet joħlqu għall-Unjoni Ewropea, ikun proporzjonat li l-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża jiġi sospiż kompletament.

4. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-Istati Membri ddiskutew is-sospensjoni sħiħa tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża matul il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża tat-13 ta' Lulju 2022. L-Istati Membri esprimew ukoll il-fehmiet tagħhom dwar is-sospensjoni matul il-laqgħa informali tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin (Gymnich) fl-31 ta' Awwissu 2022 u hemmhekk laħqu qbil politiku dwar is-sospensjoni tal-Ftehim fl-intier tiegħu.

5. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma tinvolvi kostijiet addizzjonali għall-baġit tal-UE.

6. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-implimentazzjoni tal-miżura se tiġi mmonitorjata mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta għandha l-għan li tissospendi b'mod sħiħ il-faċilitazzjonijiet previsti fil-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża għaċ-ċittadini Russi. Dan jikkonċerna l-evidenza dokumentarja li għandha tiġi ppreżentata mill-applikant qabel il-vjaġġ, l-ammont tat-tariffa tal-viża, il-ħruġ ta' viżi għal dħul multiplu u t-tul tal-proċeduri għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-viża. Il-faċilitazzjonijiet relatati ma' dawn l-elementi differenti mhux se jibqgħu japplikaw u r-regoli standard tal-Kodiċi dwar il-Viżi se japplikaw għaċ-ċittadini Russi fir-rigward ta': it-tariffa tal-viża (l-Artikolu 16 tal-Kodiċi dwar il-Viżi), it-tul ta' żmien massimu għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża (l-Artikolu 23), il-ħruġ ta' viżi għal dħul multiplu

(l-Artikolu 24.2), u l-evidenza dokumentarja li għandha tiġi ppreżentata mill-applikant qabel il-vjaġġ (l-Artikolu 14)⁵.

⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3347 final tas-6.6.2016 li tistabbilixxi l-lista ta' dokumenti ta' sostenn li għandhom jiġu ppreżentati mill-applikanti għal viża fl-Iran, l-Iraq u l-Federazzjoni Russa.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar is-sospensjoni totali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn Il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Federazzjoni Russa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2)(a) u l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Federazzjoni Russa⁶ (“il-Ftehim”) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2007, b'mod parallel mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid⁷.
- (2) L-għan tal-Ftehim huwa dak li jiffaċilita, fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-ħruġ ta' viżi għal żjara intiża ta' mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Federazzjoni Russa. Il-preambolu tal-Ftehim jenfasizza x-xewqa li jiġu ffaċilitati l-kuntatti bejn in-nies bħala kundizzjoni importanti għal żvilupp sod ta' rabtiet ekonomiċi, umanitarji, kulturali, xjentifiċi u oħrajn.
- (3) Skont l-Artikolu 15(5) tal-Ftehim, “kull Parti tista' tissospendi dan il-Ftehim parzjalment jew bis-sħiħ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali u protezzjoni tas-saħħa pubblika”. Id-deċiżjoni dwar is-sospensjoni għandha tkun notifikata lill-Parti l-oħra mhux aktar tard minn 48 siegħa qabel id-dħul tiegħu fis-seħħ. Il-Parti li tkun issospendiet l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tgħarraf lill-Parti l-oħra immedjatament ladarba r-raġunijiet għas-sospensjoni ma jkunux japplikaw aktar.
- (4) B'reazzjoni għall-annessjoni illegali tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u tal-belt ta' Sevastopol mill-Federazzjoni Russa fl-2014 u għall-azzjonijiet destabbilizzanti kontinwi tagħha fil-Lvant tal-Ukrajna, l-Unjoni Ewropea diġà introduċiet sanzjonijiet ekonomiċi b'rispons għall-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, b'rabta mal-implimentazzjoni mhux kompluta tal-ftehimiet ta' Minsk; sanzjonijiet fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-

⁶ ĠU L 129, 17.5.2007.

⁷ Il-Ftehim bejn Il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid (ĠU L 129, 17.5.2007).

sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna; u sanzjonijiet b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tar-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol mill-Federazzjoni Russa.

- (5) Bħala firmatarja tal-ftehimiet ta' Minsk, il-Federazzjoni Russa kellha responsabbiltà ċara u diretta li taħdem biex tinstab soluzzjoni paċifika tal-kunflitt f'konformità ma' dawn il-prinċipji. Bid-deċiżjoni li r-reġjuni mhux ikkontrollati mill-gvern fl-Ukrajna tal-Lvant jiġu rikonossuti bħala entitajiet indipendenti, il-Federazzjoni Russa kisret b'mod ċar il-ftehimiet ta' Minsk, li jstipulaw ir-ritorn sħiħ ta' dawn iż-żoni għall-kontroll tal-gvern Ukren.
- (6) Id-deċiżjoni tal-Federazzjoni Russa li tirrikonossi ż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u ta' Luhansk bħala entitajiet indipendenti, u d-deċiżjoni sussegwenti li jintbagħtu truppi Russi fl-Ukrajna qed tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u hija ksur serju tad-dritt internazzjonali u tal-ftehimiet internazzjonali, inklużi l-Karta tan-NU, l-Att Finali ta' Helsinki, il-Karta ta' Pariġi u l-Memorandum ta' Budapest.
- (7) Mill-bidu tal-aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022, is-sitwazzjoni marret għall-aġġar, u r-Russja espondiet l-okkupazzjoni sħiħa jew parzjali tagħha fir-reġjuni tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Ukrajna. Ir-Russja qed tuża wkoll l-akbar impjant tal-enerġija nukleari tal-Ukrajna f'Zaporizhzhia bħala faċilità militari, li joħloq riskju ta' inċident nukleari kbir b'effetti konsegwenzjali fuq il-pajjiżi ġirien, inklużi l-Istati Membri.
- (8) Fl-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna u flimkien mas-sħab internazzjonali esprima solidarjetà sħiħa mal-Ukrajna u l-poplu tagħha. Bl-azzjonijiet militari illegali tagħha, ir-Russja qed tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali u qed iddgħajjef s-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali. Sussegwentement, fil-25 ta' Frar, l-Unjoni adottat aktar miżuri restrittivi li jissospendu parzjalment l-applikazzjoni tal-Ftehim, b'reazzjoni għall-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata mir-Russja⁸.
- (9) L-aggressjoni militari li sseħħ f'pajjiż li jmiss mal-Unjoni, bħal dik li seħħet fl-Ukrajna u li tat lok għall-miżuri restrittivi, tiġġustifika miżuri intiżi sabiex jiproteġu l-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.
- (10) Il-Federazzjoni Russa kisret ukoll il-ftehimiet ta' Minsk billi mminat l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Dan imur kontra l-obbligi internazzjonali tal-Federazzjoni Russa.
- (11) L-azzjonijiet militari mill-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna żiedu t-theddid għall-ordni pubbliku, is-sigurtà nazzjonali u s-saħħa pubblika tal-Istati Membri.
- (12) Għalhekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni li qed tiddeterjora kkawżata mill-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim li jipprevedi faċilitazzjonijiet għaċ-ċittadini tal-Federazzjoni Russa li japplikaw għal viża għal soġġorn qasir, jiġi sospiż kompletament.
- (13) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/333.

Kunsill 2002/192/KE; għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

- (14) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim hija sospiża kompletament fir-rigward taċ-ċittadini tal-Federazzjoni Russa.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/333 hija sostitwita b'din id-Deċiżjoni.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tieni jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u n-notifika lill-Federazzjoni Russa.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*